

Dispożittiv

- 1) Il-punt 2 tat-tabella li tinsab fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/2004, tal-tal-1 ta' Marzu 2004, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda kien invalidu matul il-perijodu meta dan kien fis-seħħ, jiġifieri mit-22 ta' Marzu 2004 sat-22 ta' Diċembru 2009.
- 2) Sa fejn il-prodotti inkwistjoni jkunu komposti minn apparat li jixerred is-sħana kif ukoll minn fann u jkunu eskužiżvament intiżi sabiex jiġu inkorporati f'kompjuter, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivveriżi, il-klassifikazzjoni tariffarja għandha ssir abbażi ta' regoli ġenerali għall-interpretażżjoni tan-nomenklatura magħquda previsti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1214/2007, tal-20 ta' Settembru 2007.

⁽¹⁾ ĠU C 431, 01.12.2014.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-7 ta' Mejju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunalul Sibiu – ir-Rumanija) – Statul român vs Tamara Văraru, Consiliul Național pentru Combaterea Discriminării

(Kawża C-496/14) ⁽¹⁾

(Rinviju preliminari — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali — Kalkolu tal-ammont ta' allowances għal wild dipendenti — Assenza ta' implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2015/C 320/15)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul Sibiu

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Statul român

Konvenuti: Tamara Văraru, Consiliul Național pentru Combaterea Discriminării

Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula mit-Tribunalul Sibiu (ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Ottubru 2014.

⁽¹⁾ ĠU C 46, 09.02.2015